- Bejgħ ta' magna mhux tal-kwalita` miftiehma
- żamma u alterazzjonijiet fl-oġġett
mingħajr protest dwar il-kwalita` tiegħu u minghajr depositu fil-Qorti
- ftehim verbali sostitwit bi ftehim miktub – konsegwenzi ta'
- - Artiklu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ

**MALTA**

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Seduta tas-7 ta' Diċembru 2018.**

**Rik. Ġur. 457/2012 GM**

**MultiPackaging Limited (C158)**

**vs**

**Thomas Linke u**
**Service & Handel / Trading fur Verpackungsmaschinen RO-Srl (SHV)**

**Il-Qorti:**

## 1. Preliminari

Rat ir-**Rikors Ġuramentat** ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2012 fejn l-kumpanija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejjħa 'l-attriċi'), wara li ppremettiet illi:

"… xtrat mingħand il-konvenuti magna industrijali u preċiżament *Flexo Printer FFG244 Emba including 1 in-feed centerline, 3 print sections with chamber system, stacker, servo-drive, kompjuter system for setting and database together*

*with conveyors and vacuum systems* u dan versu l-prezz ta' mija u ħamsa u sebgħin elf Euro (€175,000);

"… xtrat l-imsemmija magna wara li l-konvenuti assikurawha illi bi spiża addizzjonali setgħet tiġi *upgraded* għal waħda li fost affarijiet ohra, tistampa b'sitt kuluri differenti (minflok bi tlieta) u li magħha jkun jista' ukoll jigi mwahhal apparat li jissejjah *rotary die cutter*; tant hu hekk illi sa minn qabel ma nxtrat il-magna mill-kumpanija attriċi, gie stabbilit bejn il-partijiet pjan dettaljat bi zminijiet specifici ta' meta l-magna kellha tasal Malta u d-diversi stadji sussegwenti tax-xogħolijiet li kellhom isiru fuqha sakemm finalment l-imsemmi *upgrading* tagħha jitwettaq fl-intier tiegħu;

" … l-kumpanija attriċi ma kinitx tixtri l-magna *de quo* li kieku l-konvenuti ma assikurawhiex li setgħet tiġi *upgraded* bil-mod li ingħad fil-paragrafu precedent;

" … meta wara diversi intoppi u dewmien, il-magna finalment waslet Malta irrizulta li mhux biss ma setgħetx tiġi *upgraded* kif mifthiem talli ma kinitx taħdem bl-istess mod u maniera bhal f'dik l-okkazzjoni meta l-konvenuti għamlu *test runs* lir-rapprezentanti tal-kumpanija minn Malta u li a bazi ta' dawn il-provi kienet ittiehdet, *inter alia*, d-decizjoni mill-kumpanija attriċi sabiex takkwista l-magna in kwistjoni;

" … l-kumpanija attriċi, kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, sostniet u għadha ssostni diversi spejjez u danni minhabba n-nuqqas tal-konvenuti milli jwettqu l-obbligi kuntrattwali tagħhom lejha;

"għalhekk l-kumpanija attriċi accettat il-magna kif konsenjata lilha b'dan li qegħda tesigi:

"… Id-debita riduzzjoni fil-prezz skont l-istima ta' periti li għandhom jigu mahturin għal dan l-iskop ossia skont provi teknici dwar il-mankanza tal-magna li jitressqu fil-mori tal-kawza u dan riferibbilment għall-fatt li l-magna kif konsenjata ma kinitx tiffunzjona sew fl-istat li kienet *cioe'* anke mingħajr ma jsir l-icken *upgrading* fuqha; u

"… Li l-konvenuti jhallsuha d-danni li sofriet minhabba l-fatt li l-magna ma setgħetx tiġi *upgraded* kif mifthiem;

"… il-konvenuti naqsu milli jwettqu dawn ir-rimedji mitluba mill-kumpanija attriċi, u għalhekk hija kellha tirrikorri għal dawn il-proceduri";

**talbet lil din il-Qorti**:

1. tiddeċiedi li meta l-magna ndustrijali deskritta fir-rikors maħluf tagħha ġiet ikkunsinnata lill-kumpanija attriċi mill-konvenuti jew min minnhom din ma kinitx tal-kwalita` mwiegħda fis-sens li ma kienetx tiffunzjona tajjeb u dan indipendentement mill-*upgrading* (titjib) li kellu jsir fuqha;

2. tiddeċiedi li għalhekk hemm lok għal tnaqqis fil-prezz miftiehem;

3. taħtar periti ġudizzjarji jekk ikun il-każ sabiex jagħmlu stima li tkun tirrifletti t-tnaqqis fil-prezz tal-magna industrijali *de quo* għaliex mhix tal-kwalita` mwiegħda;

4. traħħas il-prezz tal-bejgħ tal-magna billi din m'hijiex tal-kwalita` mwiegħda bl-ammont hekk stabbilit;

5. tiddeċiedi li anke kieku kienet tiffunzjona tajjeb, xorta waħda ma setgħetx tiġi mtejjba (*upgraded*) kif diġa` ngħad u kif kienu assikurawha il-konvenuti jew min minnhom;

6. tiddeċiedi illi per konsegwenza il-kumpanija attriċi sofriet danni li għalihom iridu jagħmlu tajjeb il-konvenuti jew min minnhom;

7. tillikwida dawn id-danni, jekk hemm bżonn bl-għajnuna ta' esperti;

8. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsuha dawk id-danni;

Rat ir-**Risposta Ġuramentata** tal-konvenuti li eċċepew illi:

"1. *... in the first place, by way of a preliminary plea, there is no juridical relationship between the plaintiff company and the defendant Thomas Linke as evidenced by the contract of sale dated 19th November 2010 (pages 105 and 106 of the court file) and hence said defendant should be declared to be non-suited with costs against the plaintiff company as he is not the proper defendant in this lawsuit;*

*"2. ... subordinately and without prejudice to the above premised, the plaintiff company's claim for damages is manifestly unsustainable and should be rejected given that it has ex-admissis accepted the printer for all intents and purposes at law thereby forfeiting the right to demand damages in terms of Article 1390 of Chapter 16 of the Laws of Malta;*

*"3. ... subordinately and without prejudice to the above premised, the plaintiff company's claim that the "Flexo Printer FFG244 Emba" (hereafter "printer") delivered by the defendant company was not of the quality promised and that there should be a diminution of the price upon a valuation by experts should be rejected as it is manifestly unfounded both in fact and in law as will be amply proved during these proceedings*";

Illi l-konvenuti għamlu **kontro-talba** li permezz taghha talbu li l-Qorti:

"1. *declare that the plaintiff company owes the defendant company the sum of eighty-five thousand euro (€85,000) representing the balance of the total price of one hundred and seventy fine thousand euro (€175,000) agreed between the parties by virtue of the contract of sale dated 19th November 2010 (pages 105 and 106 of the court file) of a "Flexo Printer FFG244 Emba" duly delivered to the plaintiff company, installed and commissioned;*

*"2. condemn the plaintiff company to pay the sum of eighty-five thousand euro (€85,000) to the defendant company*";

Illi **l-attriċi eċċepiet għall-kontro-talba** li:

"1. *… the defendant company's action is premature, due to the fact that the said defendant company's claimed right of payment is subject to a suspensive condition by means of which the balance claimed would not become due before the arrival of the promised goods and before the lapse of 30 days from the day upon which the installation and commissioning relative to the printer in issue are carried out, as is stipulated in the private writing dated 19th November 2010, and which arrival of goods and "installation and commissioning" have not yet been duly carried out as agreed by the defendant company;*

*"2. … defendant company's claims are unfounded in fact and at law, due to the fact that the defendant company has no right to demand of the plaintiff company the performance of an agreement which the same defendant company has itself manifestly failed to perform, and this on the basis of the principle inademplenti non est ademplendum;*

*" 3. … defendant company's claim is unfounded in fact and at law, due to the fact that the printer which was delivered to the plaintiff company was not of the quality stipulated between the parties, which fact entitles the plaintiff company to a reduction in the price stipulated, as has already been claimed by the plaintiff company in its sworn application by means of which these proceedings were commenced;"*

Rat l-atti kollha tal-process;

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

**2. Il-fatti**

(i) L-attriċi, li għandha negozju ta' manifattura ta' kaxxi tal-ippakkeġġjar, riedet takkwista magna tat-tip *6 colour printing machine* li jkollha bħala parti ntegrali

minnha *a rotary die cutter*.[1] Din hi magna ferm sofistikata u l-mekkaniżmu tagħha jitħaddem elettronikament permezz ta' kompjuter. Tistampa sa massimu ta' sitt kuluri u tikkonverti l-kartun f'kaxxi lesti għall-ippakkjar. Ġdida tqum ħafna flus; il-konvenut infurmaha li setgħet takkwista magna wżata u jsirilha *upgrade*.

(ii) Lejn l-aħħar tas-sena 2010 il-konvenut "informa lill-attriċi li sab magna *second hand* tat-tip *3 colour printing only* li setgħet tiġi *upgraded* minn magna li tistampa sa bi tlett kuluri mingħajr ma tikkonverti l-kartun stampat f'kaxxi tal-ippakkjar lesti f'waħda kif riditha l-attiċi cioe` *6 colour printing machine b'rotary die cutter*."

(iii) Il-magna kienet tinstab il-Litwanja. Il-konvenut informa lill-attriċi li setgħet tiġi *upgraded* minnu mill-aspett mekkaniku, flimkien ma' Lars Edlund mill-aspett elettroniku.

(iv) Fil-bidu ta' Novembru 2010 Muscat u Pierre Balzan Demajo, wieħed mid-diretturi tal-attriċi, marru l-Litwanja jaraw il-magna. Il-konvenut "ħaddem il-magna billi stampa xi ftit folji tal-kartun. "Il-kwalita` tal-print kienet tajba u jien u Pierre Balzan Demajo konna sodisfatti b'dak li ġie stampat"

(v) L-għada waqt laqgħa fil-Latvia li għaliha kienu preżenti Balzan Demajo, Edlund, u l-konvenut, sar ftehim verbali li l-attriċi tixtri l-magna bil-prezz ta' €175,000, liema prezz kien jinkludi l-istallar tal-magna f'Malta bħala 3-colour machine "ċjoe` kif konna rajniha l-ġurnata ta' qabel". L-*upgrade* kellu jsir bi spejjeż addizzjonali raġonevoli. Intlaħaq ftehim verbali dwar id-dettalji, minn kif u meta kellu jsir iż-żarmar tal-magna, sal-*upgrading*, li kellu jitlesta sal-aħħar ta' Marzu 2011. Il-konvenut ta' parir li jinqala' r-*rotary die cutter*[2] tal-magna li l-konvenuta ġa kellha u jiġi mwaħħal mal-magna li kienet se tinxtara u li mal-magna l-antika jitwaħħal *rotary die cutter* ġdid flimkien ma' *shaker*[3].

L-attriċi kellha tħallas lill-konvenut għall-*upgrading* imbagħad hu jħallas lil Lars Edlund ta' xogħlu.

(vi) Malli wasal lura Malta, Muscat bagħat żewġ e-mails, lill-konvenut u lil Edlund; l-ewwel waħda bil-kontenut tal-ftehim verbali; it-tieni waħda, datata 15.11.2010 b'xi preċiżjonijiet. Dak inhar stess wieġeb Edlund, li kkonferma li ma kellux ikun hemm problemi.

(vii) Fil-25 ta' Novembru 2010, uffiċjali tal-attriċi telgħu f'Kaunas u reġgħu raw il-magna taħdem; tistampa xi folji tal-kartun.

(viii) Fis-27 ta' Novembru 2010 il-konvenut bagħat *e-mail* lix-xhud b'kalkolu tal-ispejjeż tal-*parts* meħtieġa għall-*upgrading* (ara fol 220).

---

[1] Brian Muscat a fol 213

[2] Apparat li jaqta' l-kartun stampat u jikkonvertih f'kaxxi

[3] Apparat biex jitwarrbu l-biċċiet tal-kartun żejda meta jinqata' biex isir kaxxi

(ix) Il-ftehim, datat 19 ta' Novembru 2010, sar bejn il-konvenuta u l-attriċi biss. Isemmi biss li kien qiegħed isir bejgħ ta' magna bi *3 print sections*. Il-konvenuta kellha tassisti fit-tħejjija tal-konsenja tal-magna *ex works* fi żmien 4 ġimgħat mill-iffirmar tal-ftehim. Il-prezz kien €175,000; kull spiża relatata mal-konsenja, assikurazzjoni, istallazjoni u kummissjonar tal-magna kellhom jitħallsu mill-attriċi, oltre spejjeż oħra msemmijin. Il-prezz kellu jitħallas hekk:

€90,000 depożitu (dan tħallas)
€20,000 mad-dokumenti tal-bastiment
€20,000 mal-wasla tal-magna
€45,000 fi żmien 30 jum mill-istallazzjoni u kummissjonar tal-magna.

Il-proprjeta` tal-magna kellha tibqa' tal-konvenuta sakemm isir il-ħlas tal-prezz kollu.

(x) Lejn l-aħħar ta' Diċembru 2010, il-konvenut kellu jiġi Malta biex jippjana l-ispazju meħtieġ u materji oħra relatati mal-istallazzjoni tal-magna. Fil-fatt ġie bejn l-aħħar tas-sena 2010 u l-bidu tal-2011 u ddiskuta l-proġett tal-magna mal-attriċi. Il-magna ttardjat biex waslet; parti fit-02.01.2011 u parti oħra fit-20.01.2011.

(xi) Fis-17 ta' Jannar 2011 il-konvenut bagħat email lill-attriċi fejn ta struzzjonijiet fosthom biex għalissa jħaddmuha bi *3 colour* mingħajr ix-*shaker* u d-*die cutter*.

(xii) F'Jannar 2011 Pierre Demajo ċempel lil Edlund u qallu li ma setgħux ihaddmu l-magna għax ma kellhomx sapport minngħand il-konvenut u staqsih biex imur Malta ħa jara s-sitwazzjoni. Wasal Malta u ra li l-magna ma kinitx tiffunzjona. Kien issugerixxa li jibgħatu l-magna għand kumpanija ASTIN.

(xiii) Fid-19 ta' Jannar Edlund bagħat email lill-konvenut bla ma qallu li kien qed jikkopja lill-attriċi fejn indikalu li kien hemm problemi kbar dwar il-magna. L-attriċi xxukkjat ruħha. Iddeċidiet li ma taqlax kwistjonijiet f'dak il-mument.

Edlund xehed b'affidavit li kull ma kien qal lill-attriċi kien falz u sabiex joħloq dissidju bejn il-kontendenti biex jigwadanja hu. Imbagħad in kontro-eżami qal li l-affidavit iffirmah biss għaliex il-konvenut kien wegħdu li jħallsu debiti oħrajn kemm-il darba jassistih f'din il-kawża.

Fil-kontro eżami ta' Edlund[4] ħareġ illi għalkemm xorta kien għen lil konvenut b'dak l-affidavit, dan xorta baqa' ma ħallsux u għalhekk iddeċieda li jgħin lill-attriċi waqt il-kawża. Huwa jaf illi kien hemm xi ħsara fis-sistema elettronika tal-magna minħabba t-transport, u kellha bżonn *software* gdid. Jgħid illi hu stess kellu jipprovdi s-*software* għax hu kien kitbu. Kellu ukoll jipprovdi kompjuter sabiex il-magna setgħet tiffunzjona. Jaħseb illi l-magna ma kinitx taħdem għax waqt il-vjaġġ seta' kien hemm xi vibrazzjonijiet u prinċipalment ħsarat fl-installazzjoni. Hu jaħseb li kien hemm trab li waqa' waqt il-vjaġġ. Kien

[4] A fol 929

hemm ukoll xi *cable* li kellu bżonn jitbiddel. Kien hemm xi *card* fil-kompjuter li kienet imkissra ukoll. Kollox kien immuntat iżda hafna mill-cables kienu konnessi ħażin. Meta din il-magna kien għadha f'Kaunas, kienet titħaddem b'mod manwali iżda kien hemm istanzi illi jekk tinqala' xi problema kien imur jirranġha Edlund. **Din bdiet tiġri kull gimgħa**. L-attriċi kienet taf illi din il-magna kienet tip illi EMBA kienet waqqfet tipproduci minnha. EMBA ma baqgħetx tissaportja s-sistema eletronika ta' din il-magna.

(xiv) Meta Edlund ra il-magna taħdem f'Kaunas, kienet qed taħdem bil-mod, kienet qed tistampa kulur sempliċi u kien jaf li kieku kienu se jużawha biex jistampaw kuluri aktar sofistikati imbgħad kien se jkollha tidħol il-kumpanija ASTIN. Ċert illi huwa kien qalilhom li irid ikun hemm sforz kbir biex jibnu d-drive, il-modalita` u l-elettronika tagħha. **Hu ma setax jagħmel dawn l-affarijiet għax dak iż-żmien kien impjegat ma' kumpanija li kienet tipprekludih milli jagħmel xogħol iehor**. Id-dokumentazzjoni kollha tas-*software* kienet kollha fuq il-kompjuter tiegħu u ma kien jeżisti l-ebda manwal ta' kif jitħaddem is-*software* ta' din il-magna bħal ma jkun hemm normalment f'makkinarju ieħor. Jixhed illi Cristina Sterie kienet ikkuntattjatu u qaltlu li ma għadx baqa' bżonnu u li ma kienux se jħallsuh.

(xv) Fil-25 ta' Frar 2011 il-konvenut wieġeb lil Edlund sorpriż b'dak li kien kitiblu u tenna li hu ma kien għamel xejn ħażin.

(xvi) Fit-28 ta' Frar 2011 Endlund informa lill-attriċi bil-kuntatti li kien għamel mal-kumpannija Taljana ASTIN biex din tkun tista' tagħmel l-*upgrading* hi.

(xvii) Fis-16 t'April 2011, meta l-attriċi m'onoratx l-obbligi tagħha skond il-kuntratt, Cristina Sterie għan-nom tal-konvenuta kitbet lil Pierre Balzan Demajo fejn qaltlu illi għadhom ma tħallsux.[5] Adrian Bajada wieġeb għal dan l-*email* fit- 30 ta' April 2011 u qal illi mhux se jħallas għax ma wasalx dak li kienu mwiegħda, u għax il-magna ma setgħetx titwaħħal magħha *rotary die cutter* u ċjoe` dak li xtraw ma setgħetx tintuża għal-iskop li xtrawha. Qallha ukoll illi suppost kellha tiġi stallata f'Diċembru 2010/Jannar 2011 iżda dan kien għadu ma seħħx u għalhekk soffrew id-danni. Kien issuġġerixxa illi l-ammont dovut li kien baqa' kellu jiġi paċut għad-danni li soffrew. Sterie kienet irrispondiet li mhix taqbel u li r-*rotary die cutter* u u l-bqija kellhom jitwaħħlu minn speċjalisti u mhux minn kwalunkwe ħaddiem. Hawn reġgħet offriet li Linke jinstallaha u jkompli bix-xogħolijiet. Offriet ukoll illi jekk ma jridux li Linke jkompli bix-xogħolijiet, jilħqu soluzzjoni amikevoli u jithallsu l-€40,000 li kien baqa' iżda mhux l-€45,000 l-oħra la Linke ma kienx installaha.

(xviii) Lejn l-aħħar t'April 2011 ASTIN bgħatet nies tagħha biex jippruvaw iħaddmu l-magna kif kienet tħaddmet f'Kaunas, iżda lanqas huma ma rnexxilhom.

(xix) ASTIN tat parir li l-magna ma setgħetx tintuża għall-istampar u għall-qtugħ tal-kartun kontemporanjament; u li kienet tiswa biss €50,000 Illi rriżulta

[5] A fol 945

illi l-kumpanija Taljana daħlet flok Thomas Linke u Lars Edlund jikkonferma illi l-istess kumpanija Taljana kienet intużat biex tistalla u tikkummissjona l-magna, minflok Thomas Linke u dan għaliex Lars Edlund jikkonferma illi l-parti elettronika u *software* ma jifhmux fiha l-istess kumpanija Taljana u għalhekk kellu jidħol hu. Dan jikkonfermah ukoll wieħed mid-diretturi tal-kumpanija Taljana.[6]

Il-kumpanija Taljana evalwat l-prezz tal-magna qabel ir-riparazzjonijiet u *upgrading* fis-somma ta' €50,000.

(xx) ASTIN żarmat il-magna, u għamlet *upgrade* bil-prezz ta' €450,000.

(xxi) L-attriċi qabbdet lil Dr. Mark Sammut biex jeżamina l-magna. Dan għamel erba' spezzjonijiet bejn Awwissu u Settembru 2011 u sostna li din kienet prototip u kien inverosimili li setgħet tiġi *upgraded*.[7] Dr. Sammut qal illi din il-magna kienet taħdem b'mod manwali iżda ġiet kkonvertiha biex taħdem b'mod elettroniku. Mhux l-ewwel darba illi sar dan l-eżerċizzju u hekk ma jkunx hemm bżonn ta' ħaddiema li jħaddmuha. Ma sab l-ebda tip ta' dokumentazzjoni ta' kif saret din il-konverzjoni u t-teknologija li intużat kienet ftit antika. Jgħid ukoll illi l-unika persuna li setgħet tħaddimha kienet il-persuna li għamlet din il-konverżjoni. Kellha ħafna *sensors* neqsin u l-*wiring* mhux komplut. Kien hemm wajers li ma kinux imqabbdin fil-post. Is-sistema li biha tixgħel il-magna ma kinitx qed taħdem u s-sistema tal-kompjuter tal-magna ma kienx bl-Ingliż iżda kien biċ-ċirilliku. Skontu, ma kienx vijabbli la ekonomikament u lanqas teknikament li tirranġaha għax kellha apparat u *software outdated*. Ikkonkluda illi aħjar jintremew l-*electronics* kollha u jintużaw *controls* u *software* moderni.

## 3. Evaluwazzjoni tal-provi

### (i) Dwar l-allegazzjoni tal-attriċi li l-magna li rċeviet ma kinitx l-istess waħda li rat fil-Litwanja:

Illi l-attriċi allegat illi jista' jkun li l-magna li ntbgħatet Malta ma kinitx l-istess waħda illi raw topera ġewwa l-Litwanja. Jirriżulta illi waqt l-iżżarmar tal-magna, u waqt il-maġġor parti tat-togħbija tagħha fil-*containers,* kien hemm preżenti mpjegat tal-attriċi: "u b'xi mod ippakkjajniha ġol-*containers*. U kien fadal biċċtejn żgur li kienu goffi ma jidħlux fil-*container*.....Imbgħad it-Tnejn għamilna xi tlett ijiem nitħabtu ma' din il-magna. Jiġifieri l-Ġimgħa, s-Sibt u l-Hadd; insomma t-Tnejn kont naf, bdejt nitlob biex niġi lejn Malta";[8]

Illi għalhekk m'hemmx dubbju illi l-magna kienet l-istess waħda li l-uffiċċjali u mpjegati tal-attriċi raw taħdem ġewwa l-Litwanja u l-istess waħda li kienu sodisfatti bl-istampar tagħha. Allura la kienet qed taħdem ġewwa l-Litwanja

---

[6] Xhieda ta' Renato Copelli - Fol 804
[7] fol 206
[8] Xhieda ta' Anton Abdilla – fol 910

suppost illi taħdem anke' ġewwa Malta; kemm-il darba Thomas Linke jinstallaha u Lard Edlund jarmaha mil-lat elettroniku;

Illi punt iehor li hu ferm importanti hu illi l-magna ġiet immuntata ġewwa l-bini tal-attriċi.[9] Anton Abdilla li kien għen sabiex tiġi żarmata l-magna ġewwa l-Litwanja jikkonferma illi hu stess installa l-magna fil-post pero` kien waqaf hemm għax il-lat elettroniku ma kienx kompetenza tiegħu;

Illi għalhekk din l-asserzjoni tirriżulta għal kollox gratuwita u qiegħdha tiġi skartata minn din il-Qorti;

## (ii) dwar il-kwalita` tal-magna

Illi l-magna ittardjat ma waslet Malta u kif jidher mill-kontro-eżami ta' Brian Muscat meta qal li kienu diġa` ħadu battikata sabiex tinġieb Malta. Isostnu li dan kien tort tal-konvenut u għalhekk ma ridux ikomplu jħallsuh l-bqija tal-flus dovuti. Dwar dan l-attriċi m'għandhiex raġun l-ewwel għax il-bejgħ sar *ex works* u t-tieni minħabba li fil-kuntratt hemm stipulat illi anke jekk l-magna tasal tard jew ikollha xi partijiet neqsin jew imkissra, l-ammonti xorta jridu jitħallsu;

Illi meta waslet Malta, il-magna ma setgħetx titqabbad. Joħroġ mill-kontro-eżami ta' Lars Edmund illi kien hu stess li ddisinja s-*software*. Il-magna kellha diversi wajers mhux imqabbdin kif suppost. Peress illi l-attriċi ma riditx tkompli tħallas lil konvenut għax deherilha illi ma għamilx xogħol sew fit-transport tal-magna minn Kaunas għal Malta (minkejja li l-kuntratt kien *ex works*) l-uffiċjali tagħha bdew jikkuntattjaw biss lil Lars Edlund minflok lill-konvenut. L-attriċi tallega li ppruvat tikkomunika mal-konvenut, iżda ma ġabet ebda prova li bgħatet xi *email* jew *logs* ta' telefonati in sostenn ta' din l-allegazzjoni;

Illi sadanittant l-attriċi kienet qegħda f'kuntatt dirett ma' Lars Edlund illi mill-kontro-eżami tiegħu hareg illi l-konvenut kien għadu ma ħallsux is-sehem tiegħu u mhux talli hekk talli s-segretarja tal-kumpanija kienet qaltlu illi l-attriċi ma kienx baqalha aktar bżonnu. Għalhekk Edlund ħass il-ħtieġa illi jagħmel lilu nnifsu ndispensabbli ħalli żgur ma jinqalax 'il barra minn dan in-negozju. (għalhekk bgħat l-*email* tad-19 ta' Jannar 2011 fejn maqdar il-magna);

Illi Edlund jgħid illi l-ħsarat li kellha l-magna kienu elettronici u graw fil-maġġor parti tagħhom waqt it-transport. Hu ma setax jirrangaha mil-lat elettroniku għax dak iż-żmien kien qed jaħdem ma' kumpanija kbira u ma kellux permess jagħmel xogħol barra minn dak li kellu. Għaldaqstant, huwa Lars Edlund illi naqas milli jagħmel xogħolu u talli m'għamilx xogħolu, il-kumpanija Taljana kellha tbiddel kollox għax is-*software* ma kellu l-ebda manwal u għalhekk il-magna qatt ma setgħet titħaddem jekk mhux bl-għajnuna

[9] Kontro-eżami ta' Pierre Balzan Demajo 835– fol u l-kontro-eżami ta' Lars Edlund – fol 951

ta' Edlund iżda dan ma setax imiss il-magna għax il-kumpanija li kien impjegat magħha ippreklud ietu milli jagħmel xogħol apparti;

Illi għalhekk qabbad l-attriċi ma' kumpanija Taljana ASTIN sabiex din tal-aħħar tkun tista' ġġib il-magna taħdem u finalment tiġi *upgraded* kif xtaqet l-attriċi. Iżda r-*rotary die cutter* ma twaħħlitx mal-magna għax il-kumpanija Taljana kienet tal-fehma illi sabiex ir-*rotary die cutter* taqta' l-kartun din tagħmel xi vibrazzjonijiet u ċċaqlaq il-makkinarju kollu u anke jekk ikun minimu, l-istampar ma jiġix preċiż. Għalhekk il-kumpanija Taljana biddlet is-*software* kollu kif intqal fil-kontro-eżami ta' Edlund sabiex setgħet titħaddem il-magna;

Illi l-attrici ma kkuntattjatx iktar lill-konvenuti. Sadanittant ingaġġat direttament is-servizzi ta' Edlund li webbilha li l-magna ma taħdimx fil-parti elettronika tagħha. Dan fil-fatt ma kienx minnu. Wara kollox fil-Litwanja kienet ħadmet perfettament. Edlund seta' ħaddimha; iżda ma kellu ebda interess jagħmel dan, għar-raġunijiet fuq spjegati. Baqa' fl-istess venja meta qabbad lill-kumpannija Taljana biex tagħmel l-*upgrade* – din ma setgħetx tagħmlu mhux għax il-magna ma kinitx tajba biex tiġi *upgraded* imma għax l-impjegati tagħha ma kinux jifhmu bil-lingwa li biha kien miktub is-*software* – lingwa li ċertament Edlund kien jafha għax wara kollox is-*software* kien għamlu hu;

Illi l-attriċi qabbdet espert *ex parte* li xehed li l-magna ma setgħetx issirilha l-*upgrade* in kwistjoni.

**(iii) l-attriċi żammet il-magna mingħajr ma pprotestat**

Illi jirrizulta barra minn hekk, illi l-attriċi żammet il-magna minkejja li ma kinitx sodisfatta biha. L-attriċi qatt ma għamlet l-ebda ilment lil konvenuti dwar l-allegat nuqqas tal-kwalita` pattuwita. **Kien biss erba' xhur wara**, meta inbgħatet *email* mill-kumpanija konvenuta f'April 2011 illi l-attriċi qanqlet din il-kwistjoni;

**Ikkunsidrat:**

**4. Dwar l-eċċezzjoni tal-illeġittimita` tal-persuna tal-konvenut**

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hi illi Thomas Linke m'huwiex il-leġittimu kontradittur billi m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnu u l-attriċi. Jirriżulta li l-kuntratt ta' bejgħ sar bejn il-kumpanija konvenuta Service/Trading fur Verpackungsmaschinen (minn issa 'l quddiem imsejjħa "il-konvenuta") u l-attriċi biss u jġib id-data tad-19 ta' Novembru 2010[10], għalkemm fil-fatt ġie ffirmat f'data iktar tard, akarx fit-3 ta' Diċembru 2010. L-attriċi tilqa' għal dan billi tiċċita l-Artiklu 1347 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li l-bejgħ jiġi pperfezzjonat dakinhar li jkun hemm qbil fuq l-oġġett u l-prezz. Skont l-attriċi, billi l-

[10] esibit a fol 105 u 106

akkordju fuq il-magna u l-prezz sar verbalment bejn l-attriċi u l-konvenut f'Novembru 2010, allura l-ftehim sar mal-konvenut. Issostni li meta sar l-akkordju verbali l-konvenut ma ta l-ebda ħjiel li kien qiegħed jinnegozja f'isem il-konvenuta – allegazzjoni miċħuda mill-konvenuti li jirribattu li l-konvenut dejjem innegozja f'isem il-konvenuta  billi minn dejjem bagħat il-posta elettronika tiegħu mill-inidirizz elettroniku tal-kumpannija. Illi saħansitra qabel ġie ffirmat  il-kuntratt, il-fattura tal-makkinarju ħarġet mingħand il-konvenuta. Kif l-istess ġara fin-nota tal-konsenja[11]. Li jfisser li l-kumpanija attriċi kienet taf, jew messha kienet taf, illi l-bejgħ kien qed isir mill-konvenuta. Il-konvenut Linke ma deher fl-ebda dokument uffiċjali;

Illi kien x'kien il-każ qabel id-data li fiha ġie effettivament iffirmat il-kuntratt, huwa ovvju li l-attriċi u l-konvenuta riedu jirregolaw in-negozju ta' bejniethom skont l-istess kuntratt – li jkopri mhux biss l-oġġett mibjugħ u l-prezz, imma wkoll id-data u l-partijiet u ċjoe` il-bejjiegħ (il-konvenuta) u x-xerrej (l-attriċi). Kwalunkwe relazzjoni oħra anteċedenti li seta' kien hemm ġiet sostitwita b'dan il-kuntratt u jidher li kien proprju għalhekk li tniżżlet id-data b'lura. Data li l-attriċi qablet magħha u mkien m'allegat li saret minn wara darha jew b'xi żball. M'hemmx għalfejn jingħad li l-kuntratti jsiru in bona fede; u ġaladarba l-ftehim sar mal-konvenuta, u mhux ukoll mal-konvenut, dan il-ftehim għandu jiġi onorat mingħajr tfettiq ta' xejn;

Illi l-*editio actionis*[12] fir-rikors ġuramentat hija kollha abbażi ta' kuntratt ta' bejgħ. Mhux leċitu għalhekk għall-attriċi li targumenta, fis-sottomissjonijiet tagħha, li hemm relazzjoni ġuridika bejnha u l-konvenut billi għamlilha ċerti assikurazzjonijiet dwar l-*upgrading* tal-magna mibjugħa; billi kif ġja` ngħad, il-bejgħ sar biss bejn l-attriċi u l-konvenuta u mhux ukoll mal-konvenut. Ankorke` hemm din ir-relazzjoni ġuridika, din hija waħda personali bejn l-attriċi u l-konvenut li tmur lil hinn mill-parametri tal-azzjoni kif imfassla mill-attriċi nnifisha u din il-Qorti hija prekluża milli tieħu konjizzjoni tagħha – *ne eat iudex ultra petitum partium*;

Illi għalhekk l-ewwel eċċezzjoni jistħoqqilha li tiġi milqugħa;

## 5. Dwar jekk il-ftehim miktub kienx jinkludi l-*upgrade*

Illi għalkemm il-ftehim verbali mal-konvenut kien li l-magna hi tajba biex isirilha *upgrade*, ma nsibu l-ebda riferenza ta' dan fil-ftehim bil-miktub. Skont Artiklu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, "**Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il- validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità**." Il-ġurisprudenza ħadet pożizzjonijiet differenti dwar din in-norma. Xi sentenzi jgħidu li l-preżunzjoni msemmija f'din in-norma hija *iuris tantum*; oħrajn – li jiċċitaw is-sorsi normattivi  u ċjoe` li l-gurista Vivante li fuq it-tagħlim tiegħu ġie ntrodott dan l-artiklu fil-kodiċi tal-kummerċ tagħna – jsostnu li hija *iuris et*

[11] fol 346 u 347
[12] iġifieri l-esposizzjoni tal-pretensjoni ġuridika fundament tal-azzjoni

*de iure*[13] filwaqt li skont it-tielet skola ta' ħsieb, il-preżunzjoni, filwaqt li hi qawwija ħafna, tista' tiġi, eċċezzjonalment biss, ribattuta u ċjoe` f'dawk l-istanzi fejn wieħed jista' jirribatti dak li hemm miktub; *contra scriptum.*[14] Tajjeb jingħad li f'għadd ta' ordinamenti barranin kontemporanji, iżjed aġġornati mal-esiġenzi tad-dinja tallum, ma jidhirx li hemm disposizzjoni bħal din u anzi

---

[13] insibu interpretazzjoni simili fil-ġurisprudenza Taljana: Al fine di determinare ed interpetare il contenuto delle singole pattuizioni occorre far capo soltanto al contratto definittivo, il quale assorbe, nel regolamento di interessi attuato dalle parti, le convenzioni preliminari e le trattattiva precontrattuali, togliendo ad esse efficacia e dettando l'unica disciplina dei rapporti che ne formano oggetto – Cass. 14 ottobre 1972, n. 3025, Giur.it., 1974, I.1,814.

[14] Fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Engerer v John Debono** (03.10.2003) din il-Qorti, allura ppreseduta denjament mill-Imħallef Philip Sciberras, irrimarkat li:

"Hi dispożizzjoni espressa tal-liġi illi "jekk il-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-mitkub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validita` tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalita`" (Artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ);

"Dan ifisser illi 'qabel ma tiġi iffirmata l-iskrittura ma jistax jingħad illi l-ftehim hu perfett' (**Neguzjant Joseph Stellini *nomine* –vs- Neguzjant Salvatore Debono**, Appell Kummercjali, 14 ta' Dicembru 1942, Vol. XXXI P I p 565);

"Issokta jiġi puntwalizzat fid-decizjoni fl-ismijiet **Giuseppe Vella Gatt *et* –vs- Giuseppe Darmanin *et***, Appell Kummerċjali, 23 ta' Novembru 1956, Vol. XL P I p 572 illi l-artikolu suddett tal-Kodici tal-Kummerc "johloq presunzjoni fis-sens illi meta ftehim verbali jsir bl-intiża li għandu jigi redatt bil-miktub, u l-iskrittura imbagħad ma ssirx, il-ftehim mhux validu; għax meta gie miftiehem illi l-ftehim verbali kellu jigi mnizzel bil-miktub, hu prezunt li l- partijiet riedu jassoggettaw il-validita` tal-ftehim għat-tharis ta' dik il-formalita`";

"Fiha ssokta jingħad, fuq it-tagħlim awtorevoli tal-**Vivante** u tal-hsieb ricerkat mid-dibattiti parlamentari (Vol. 21 tas- sena 1932 – 33), illi 'l-preżunzjoni mhix *juris tantum* imma *juris et de jure*, u hija ntiża biex tipprevedi u tiddirimi l-kwestjonijiet fil-kummerċ, u għalhekk tipprevjeni l-kawżi, b'mod li dik il-preżunzjoni ma tistax titwaqqa' bi provi testimonjali.' ";

Din il-Qorti, din id-darba ppreseduta mill-għaref imħallef Tonio Mallia, in re: **Dr. Ann Fenech v Dr Louis Cassar Pullicino** (05.07.2007) ħadet pożizzjoni kemm kemm inqas riġida fir-rigward:

"Hu prinċipju li meta l-partijiet jirrikorru għall-miktub, hija dik il-kitba li tirregola r-relazzjoni kuntrattwali ta` bejniethom, u mhux it-taħdidiet li jkunu ppreċedew dik il-kitba (ara **artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerċ**). Hu prinċipju li meta l-partijiet jkunu ftehmu li jinkorporaw ftehim ta` bejniethom f`kitba (u f`dan il-każ, l-inizjattiva li tiġi redatta l-kitba ħarġet minn uffiċċjal tad-ditta Scorpio) *'huma jkunu niżżlu bil-kitba fl-iskrittura relattiva dak kollu li jkunu ftehmu fuqu'* (**Aquilina noe vs Portelli**, deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta` Ottubru, 2005).

"Il-prinċipju ta` *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fortur* huwa aċċettat fil-ġurisprudenza lokali (ara, per eżempju **Mifsud vs Rizzo**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta` Marzu, 1984). Kontra din ir-regola gew aċċettati diversi eċċezzjonijiet, fosthom jekk jirriżulta li jkun hemm ftehim verbali li jammonta għall-kundizzjoni li subordinatament għaliha saret il-konvenzjoni miktuba, u li minnha tiddependi l-eżekuzzjoni ta` dik il-konvenjoni (**Caruana vs Bonnici**, deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta` Jannar, 2003). Pero`, il-prova trid tkun ċara, perswasiva u konkludenti, u turi mingħajr l-iċken dubbju li kienet l-intenzjoni komuni tal-partijiet li jassoġġettaw il-ftehim miktub għal kondizzjoni verbali. Kif intwera, intenzjoni komuni ma tirriżultax, u wara li Sig. Fagioli oġġezzjona bil-qawwa għax-xewqa ta` Sig. Lolli Għetti li jorbot il-ftehim tax-xiri tal-vapuri mal-kuntratt ENEL, ġiet redatta kitba (l-ittra tal-24 ta` Diċembru, 2002) fejn din ir-rabta ossija kondizzjoni ma ġietx inkorporata.

"Il-Qorti tosserva li fl-Ingilterra l-posizzjoni tidher pjuttost simili. Fil-kawza **Gillespie Brothers & Co. vs Cheney, Eggar & Co**, 1896 2 QB59, Lord Russel CJ qal: *although when the parties arrive at a definite written contract the implication or presumption is very strong that such contract is intended to contain all the terms of their bargain, it is a presumption only, and it is open to either of the parties to allege that there was, in addition to what appears in the written agreement, an antecedent espress stipulation not intended by the parties to be excluded, but intended to continue in force with the express written agreement* (ara **Koffman and Macdonald *The Law of Contract*** Tolley, 2nd Edit., paġna 93, fejn l-awturi jiddiskutu *"The parol evidence rule"*)."

jingħad li għandha tingħata priorita` lill-bon sens u l-preżunta intenzjoni tal-partijiet fuq is-sens letterali tal-kuntratti.[15] Il-konvenuta, fir-risposta ġuramentata tagħha, ma ċaħditx li kienet pattuwita kwalita` kif negozjata verbalment, għalkemm għandha paragrafu li jimplika, anke jekk indirettament, dan fin-nota ta' sottomissjonijet tagħha[16]. B'danakollu, mill-bqija tal-istess nota, u mill-kumplament tal-atti proċesswali, jidher ċar li l-partijiet jaqblu li l-magna kellha tkun tajba biex isirilha *upgrade*. Dan jirriżulta wkoll mill-kondotta tal-konvenuta wara l-iffirmar tal-kuntratt. Għalhekk minkejja li m'hemm xejn imsemmi fil-kuntratt innifsu, il-Qorti tqis – mingħajr il-ħtieġa li tieħu pożizzjoni fil-konflitt ġurisprudenzjali fuq imsemmi – li hekk kienet il-kwalita` miftiehma tal-magna;

## 6. Dwar jekk il-magna kinitx effettivament tajba għall-*upgrade*

Illi għalkemm l-attriċi ppreżentat xhieda u anke espert li l-magna ma kinitx tajba għall-*upgrade,* din il-Qorti mhix sejra taċċettaha billi (1) kif fuq spjegat għandha d-dubbji tagħha dwar l-attendibilita` ta' din ix-xhieda u (2) l-attriċi ċaħħdet lill-Qorti mill-possibilita` tal-aħjar prova – dik li tqabbad espert indipendenti li jeżamina l-magna fl-istat verġni tagħha u ċjoe` qabel sarulha alterazzjonijiet estensivi;

## 7. Dwar jekk iż-żamma tal-magna telfitx il-jedd għar-roħs fil-prezz

Illi b'danakollu, il-Qorti ma jkollhiex għalfejn tirriżolvi l-kwistjoni jekk il-magna kinitx tajba biex isirilha *upgrade* jew le, jekk jirriżultalha li l-attriċi aċċettat il-magna u għalhekk tilfet id-dritt li titlob tnaqqis fil-prezz;

Illi Artiklu 1390 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li:

**"Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti**"; [17]

---

[15] Artiklu 1188 (ġdid) tal-*Code Civil* Franċiż, fis-seħħ sa mill-1 t'Ottubru 2016: "*Le contrat s'interprete d'apres la comune intention des parties plutot qu'en s'arretant au sens litteral de ses termes. Lorsque cette intention ne peut etre decelee, le contrat s'interprete selon le sens que lui donnerait une personne raisonnable placee dans la meme situation.*

[16] Para. 2.3.4

[17] Insibuh fit-Tieni Ktieb, Taqsima II, Titolu VI, Sub-Titolu I, "Fuq il-Kunsinna". Sub-Titolu II intitolat "Fuq il-Garanzija" huwa maqsum "Fuq il-garanzija tal-pussess paċifiku tal-Ħaġa mibjugħa" u "Fuq il-garanzija għad-difetti li ma jidhrux tal-Ħaġa mibjugħa"

Għandu nota marġinali li tgħid hekk: Ħwejjeġ mhux skont il-kwalità miftiehma jew bħall-kampjun.

Dan l-artiklu qatt ma nbidel. Fil-Kap 23 kien enumerat bħala Art. 1440; fl-Ord.VII.1868 kien Art. 1104.

Fil-Commenti e Fonti all'Ordinanza VII del 1868, Sir Adrian Dingli jikteb hekk:

Illi ingħad fir-rigward li minkejja l-kliem tal-liġi – "iġib biex jikkunsinna" u mhux "ikkunsinna" - il-kunsinna ma tipprekludix l-azzjoni in kwistjoni, sakemm ma jirriżultax li x-xerrej irrinunzja espressament jew taċitament għall-jedd tiegħu għal talba ta' roħs fil-prezz.[18]

Illi biex ix-xerrej jeħles mir-rabta kontrattwali li kien daħal fiha li jakkwista l-oġġett mingħand il-venditur, fejn dak l-oġġett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalità mwiegħda, l-aħjar triq li jista' jieħu hi li jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepożitah taħt l-Awtorità tal-Qorti.[19] Jekk iżomm l-oġġett, jista' jitqies li rrinunzja għad-dritt tiegħu. Dwar jekk ix-xerrej jitqiesx li rrinunzja jew le, m'hemm l-ebda regola fissa u inflessibbli. Intqal mill-ġurisprudenza tagħna li l-kazijiet ivarjaw u huma dipendenti fuq iċ-ċirkostanzi speċjali tal-kaz konkret.

**Wara l-kunsinna**, tqies li x-xerrej irrinunzja għall-azzjoni meta:

(i) **għadda ż-żmien bla ma pprotesta**:

(i-a) il-bejjiegħ talab il-ħlas ta' nċova li kien biegħ lill-konvenut, li talab tnaqqis fil-prezz, u lmenta miegħu bil-fomm xahar u nofs. Il-Qorti qalet li min iżomm merkanzija bla ma jipprotesta, jitqies li jkun sodisfatt biha.[20]

(i-b) il-bejjiegħ fetaħ kawża kontra x-xerrej għal bilanċ tal-prezz ta' merkanzija. L-ewwel Qorti kkunsidrat li l-konvenut xtara l-lenez u z-zappin

---

Art. 1101. *Questo e i seguenti 1102-1103 e 1104 originariamente introdotto da Naudi per emenda nel 1859 – Si trovano inesatti nella locuzione e ora corretti come si vedono.*

It-test Taljan kien jaqra hekk: *Se la cosa che il venditore si esibisce a consegnare non e` della qualita` promessa, o non e` eguale al campione sul quale la vendita e` stata fatta, il compratore ha la scelta o di rifiutare la cosa e domandare il risarcimento dei danni, o di ricevere la cosa con diminuzione di prezzo a stima di periti.*

Fit-test Ingliż: *"which the seller offers to deliver".*

[18] **Giuseppe Scicluna v Andrea Fenech** – 10.07.1888 – Prim'Aula – (Imħ Giuseppe Gasan) XII.page 1: *Attesocche` la sola locuzione della legge se la cosa che il venditore si esebisce di consegnare non importa sempre che il reclamo del compratore debba precedere la consegna: se per la scelta che la legge conferisce al compratore, costui rifiuta la cosa, lo fa al certo prima della consegna, poiche` ricevendo perfeziona la vendita che la legge speciale nella scelta non gli accorda di poterla risolvere, se non concorrono altre cause legittimanti rescissione; tuttavia se esso compratore, valendosi del diritto di scelta, preferisce di ricevere la cosa, non e` da ritenere che la ragione estingua il diritto alla diminuzione del prezzo, a menoche` non risultasse d'altronde di sua rinunzia, espressa o tacita, al reclamo della diminuzione. La vendita si ritiene perfetta ricevendo la cosa venduta, ma cio` nel senso che passata la cosa nel dominio del compratore, non rimane a rischio del venditore. Il diritto che, pel difetto nella qualita` pattuita, gli compete di legge, sussiste alla ricezione, se non perduto per fatto e volonta` propria od altro disposto di legge.*

[19] Avv. Dottor **Louis Cassar Pullicino nomine vs. Pauline Buhagiar** nomine, Appell Ċivili, 28 ta' April, 2000)

[20] Eugenio Diacono v Giuseppe Galea 07.12.1911 – Corte di Commercio – XVIII.iii.59: Che qui` si suppone (b'riferenza għall-Art 1104 tal-Ordinanza) *in primo luogo che il venditore abbia esplicitamente promesso una qualita` e che il compratore abbia avuto specialmente in mira questa qualita`. Si suppone in secondo luogo che il compratore non abbia ancora ricevuto la cosa e non l'abbia trattenuta; giacche` se egli riceve la cosa e la trattiene senza alcun reclamo, si presume che egli sia sodisfatto della sua qualita`.*

mingħand l-attur bil-patt li dan ikun "mit-tajjeb"; kampjun ma wrewħx u meta rċevih mingħand l-attur, sabu ta' kwalita` inferjuri li ma timxix ħlief fi żminijiet ta' skarsezza; għax ma jiżbogħx karg. Għaldaqstant il-konvenut ma kienx obbligat iżommu bħala mixtri minnu. Il-konvenut skopra l-kwalita` inferjuri xi jumejn jew tlieta wara l-konsenja. Iżda nforma lill-bejjiegħ biss wara **sitt ġimgħat**. Fil-kummerċ, dan id-dewmien huwa fatali għax-xerrej.[21]

(i-ċ) F'kawża dwar prezz ta' *flushing cisterns* ipprovduta lill-Gvern Ċivili il-Qorti qalet li d-dewmien ta' **sitt xhur** ma kienx aċċettabbli.[22]

(ii) **ipprotesta biss meta mitlub iħallas il-prezz.**

Ix-xerrej ma jistax jibqa' jżomm l-oġġett, jagħmel użu minnu anke forsi għal ftit taż-żmien, biex imbaghad, meta rinfaccjata ghall-hlas, tippretendi li sofriet danni.[23]

(iii) **iddispona mill-oġġett**:

Il-bejjiegħ eċċepixxa li l-pritiza non konformita` tal-merkanzija ma setgħetx tiġi mqanqla billi l-attur **biegħha qabel ma fetaħ il-kawża** u **b'hekk għamilha mpossibbli li ssir perizja indipendenti** mill-Qorti."[24]

(iv) **biddel in-natura tal-oġġett**[25];

---

[21] **Frank Borg v Paul Bondin** – 30.06.1947 – Qorti tal-Appell XXXIII.i.585: "Kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza lokali, f'materja kummerċjali huwa dover ta' min jixtri li juża' ċerta speditezza f'affarijiet inerenti għan-negozju; għaliex il-kummerċ ma jammettix li jkun hemm dewmien inġustifikat. Issa kif l-appellat ra li s-sajjieda ma kinux iridu dak iz-zappin għax ma kienx ta' kwalita` tajba… kien dover tiegħu illi jew jinforma lill-venditur tiegħu jew almenu wara ċertu żmien raġonevoli jibgħat lura dik il-merkanija u mhux iħalliha għandu għal sitt ġimgħat… huwa kien messu uża d-diliġenza kollha f'materja simili; u la darba ma għamelx hekk, ma jistax wara jippretendi li jirritorna l-merkanzija u jippreġudika lill-venditur"

[22] **Carmel Bajada v Alfred Salomone** 23.05.1960 Appell Ċivili XLIV.i.153: Wieħed mill-prinċipji li jirregolaw il-materja, meta l-merkanzija tkun baqgħet f'idejn ix-xerrej li ma jkunx ikkura ruħu li jiddepożitaha… hu li l-ebda reklam ma jista' jsir jekk mhux *re adhuc integra* (App. **Laferla v Dr. Refalo ne** 26.vi.1908; **Mizzi v Dr. Refalo** nomine 26 ta' Mejju 1911, inediti). Issa ma jistgħax jingħad li dan ir-reklam qiegħed isir *re adhuc integra* għaliex (a) wara tant żmien mill-konsenja, tkun xi tkun il-prova li jkun irid jagħmel l-appellant nomine, dejjem jibqa' d-dubbju gravi li d-dekors taż-żmien ikun seta' ppriva lill-atturi mill-mezzi biex jaċċertaw il-vera kawża tal-ħsara allegata…

Japplika għalhekk *a fortiori* f'dan il-każ, ta' dewmien **minn Settembru 1958 sa April tal-1959,** dak li qalet din il-Qorti a propożitu ta' **dewmien ta' sitt ġimgħat** (hawn ikkwotat lil **Frank Borg v Paul Bondin** suċċitata)

[23] Robert Bond -vs- Austin Agius et, Appell, 16 ta' April 1993 u Nazzareno Cauchi et nomine -vs- Joseph Baldacchino et, Appell, 7 ta' Ottubru 1997 - M. A. S. Communications Ltd vs The Malta External Trade Corporation Limited et. deċiża mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Frar, 2005

[24] **Gio Maria v M'Angelo** – 17.01.1911 - Corte di Commercio – XXI.iii.49: ***ed ha in tal modo reso impossibile una vera ed efficace perizia***. Il-Qorti qalet li *Attesocche` l'Ordinanza No. VII del 1868 accorda al compratore due azioni nel caso che la merce non corrisponde all'ordine, cioe` l'azione di rifiuto dell amerce e l'azione di diminuzione del prezzo. Il rifiuto della merc e non e` piu` possibile quando, ricevuta la stessa, il compratore ne disponga anche in parte; ma l'altra azione e` sostenibile quando si riceve la merce sotto protesto e colla espresso riserva di chiedere i danni ossia la diminuzione del prezzo.*

[25] **Marina Aquasport Ltd. v. Eastern Star Ltd** - 31 ta' Mejju 2012

**Illi għall-kuntrarju, ma kienx hemm rinunzja meta** x-xerrej:

"ilmenta mill-ewwel li l-apparat ma kienx qed jiffunzjona tajjeb u saru diversi inkontri fuq il-yacht biex din tiġi rrangata, imma għal xejn. Sahansitra kien jirrizulta diskrepanza bejn il-koordinazzjonijiet ta' fejn kienet id-dgħajsa kif indikati fuq l-apparat, u meta dawn jitqiegħdu fuq il-mappa, b'periklu ċar għal min ikun qed jopera d-dgħajsa. Testijiet baqgħu jsiru b'mod regolari, iżda ma setax jinstab tarf tal- problema. Is-socjeta` attriċi offriet li tieħu lura l-apparat il-ġdid, u tpoġġi minfloku s-sistema tar-radar li kien qabel fuq il-*jott*; kieku sar hekk, il-*console* tal-jott, pero`, kien jibqa' jidher imqatta', u s-socjeta` attriċi ma riedetx tidħol responsabbli għal dan ukoll. Anke wara din il-proposta jidher li saru proposti ohra u saru tentattivi biex l-apparat, forsi b'xi kompromessi, kien jista' jaħdem u jagħti xi forma ta' riżultat utili, iżda kien kollox għal xejn.

**"Il-konvenut ma kienx inattiv jew passiv in relazzjoni man-nuqqasijiet riskontrati**, u qatt ma wera li kien qed japprova l-oġġett mixtri. Ma jirriżultax, kif qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Dataplot GmbH v. Fahmi**, deċiża fis-17 ta' Ottubru 2008, li r-rimedju magħzul mill-konvenut gie "**mitluf jew paralizzat minn xi atteġġjament jew kondotta tiegħu.**" Dan mhux kaz fejn ix-xerrej *riceve la merce e la tratiene senza riclamo* (Kollez. Vol. XVIII.iii.59), iżda hu każ fejn il-konvenut xerrej ipprova fuq li pprova jirrimedja u kien jagħmilha ċara mal-venditur li hu ma kienx lest iżomm l-oġġett kif kien. Ma jirriżultax allura li hu tilef id-dritt tal-azzjoni."[26]

Interessanti li l-**Konvenzjoni ta' Vjenna** tesiġi, biex ma jintifx id-dritt, li jsir protest fi żmien raġonevoli.[27]

Ikkunsidrat:

## 8. Konklużjoni

Illi l-attriċi żammet il-magna u wżatha għal erba' xhur bla ma pprotestat mal-bejjiegħ; ipprotestat biss meta ġiet mitluba tħallas il-bilanċ tal-prezz. Mhux hekk biss: biddlet in-natura tal-oġġett, billi għamlet *upgrading* tal-magna li kien jinvolvi l-bdil tas-*software* kollu, b'mod li issa huwa mpossibbli għall-Qorti li tqabbad espert sabiex jiddetermina xi tnaqqis għandu jkun hemm fil-prezz, kemm-il darba ssib li tabilħaqq il-magna ma kinitx tal-kwalita` miftiehma, kif irid l-**Artiklu 1390** fuq imsemmi. Għalhekk l-attriċi, bil-fatt tagħha stess, mhux biss uriet li kienet aċċettat l-oġġett imma wkoll irrendiet impossibbli r-rimedju li tagħtiha l-liġi. Għal din il-Qorti, mhux konvinċenti dak li kkonstataw ta' periti *ex parte* għaliex il-konvenuta ġiet svestita minn access għall-aħjar prova, u ċjoe` relazzjoni fuq il-magna fl-istat verġni tagħha minn esperti indipendenti mqabbdin mill-istess Qorti;

[26] Dalli v. Patiniott – 19.05.2000 - Qorti tal-Appell -
[27] Medcomms Ltd v Peter Muscat Scerri - 31.01.2014 – Appell (Superjuri)

Illi r-rinunzja tal-attriċi tfisser li din il-Qorti ma kellhiex għalfejn tkompli tindaga jekk il-magna kinitx tal-kwalita` miftiehma jew le, anke jekk mill-provi akkwiżiti ma rriżultalhiex li l-attriċi ippruvat li hekk kien il-każ.

**9.** ***Decide*:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti:

(1) tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet tal-attriċi;

(2) tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta billi (i) tiddikjara li l-attriċi għandha tagħtiha s-somma ta' €85,000 bilanċ tal-prezz tal-magna li xtrat mingħand il-konvenuta bil-kuntratt ta' bejgħ tad-19 ta' Novembru 2010 u (ii) tikkundanna lill-attriċi tħallas l-istess somma ta' €85,000 lill-konvenuta.

Bl-imgħax legali mid-dati msemmijin għall-pagamenti fil-kuntratt sad-data tal-eventwali ħlas effettiv. Spejjeż tar-rikors ġuramentat u tal-kontro-talba a kariku tal-atturi.

Onor. Grazio Mercieca
Imħallef